MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-23 ta' Frar, 2001

Avvi$Z Numru. 762/1997/1

**Avviz Nru:-762/97 DM**

**Dr. Remigio Zammit Pace ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Elmo Insurance Services Limited u dina in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Sun Alliance and London Insurance plc., bhala surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Dr. Raymond Sacco u ta’ l-istess Dr. Raymond Sacco u b’nota tas-17 ta’ Frar 2000 Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal and Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Dr. Raymond Sacco qed tassumi l-atti minflok l-imsemmi Dr. Remigio Zammit Pace nomine**

**vs**

**Saviour Formosa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal- konvenut sabiex jigi dikjarat responsabbli ghall-kollizzjoni li grat tort tieghu l-Gzira fid-9 ta' Mejju 1995 bejn il-karozza Isuzu Gemini Nru F 5020 misjuqa mill-istess Dr. Sacco u l-bus Nru Y 0702 misjuqa mill-konvenut; u (2) ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u disa u tmenin lira disa u tmenin centezmi (Lm389.89) kwantu ghal tlett mija erba' u sittin lira Maltin disa' u tmenin centezmi (Lm364.89) lis-socjeta' attrici somma sbursata minnha taht il-polza biex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti fl-istess kollizjoni mill-imsemmi Dr. Sacco u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) li bata de proprio l-istess Dr. Sacco bhala "excess".

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu 1997 u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Saviour Formosa fejn eccepixxa:

1. It-talba attrici ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda unikament tort tal-attur Dr. Raymond Sacco;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi dwar ir-responsabbilta' jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiet tal-attur, li kien qed isuq il-vettura assigurata mal-kumpanija attrici, u ta' martu li kienet riekbha mieghu.

Ghalkemm il-vettura tal-attur Dr. Sacco tidher xi ftit angolata lejn il-lemin fl-isketch esibit, dan m'huwiex sufficjenti wahdu biex jirribatti l-allegazzjoni tal-istess attur u martu li huma kienu qed isegwu linja ta' traffiku u li ma kienux ipparkeggjati fuq ix-xellug tat-triq.

Fin-nuqqas ta' provi prodotti mill-konvenut, li ghazel li ma jidhirx f'dawn il-proceduri, il-Qorti jkollha taccetta l-verzjoni attrici illi kien il-konvenut li baqa' diehel minn wara fil-vettura tal-attur Sacco meta dan ma ghamel ebda devjazzjoni fit-trajettorja li kien qed isegwi u li ghalhekk huwa l-konvenut li kien unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni.

Mid-deposizzjoni ta' Shawn Micallef u d-dokumenti esebiti jirrizultaw ampjament id-danni konsegwenzjali fis-somma komplessiva ta' tlett mija disa u tmenin lira, disa u tmenin centezmi (Lm389.89) li ghalihom irid jirrispondi l-konvenut. Dawn ghandhom jigu ripartiti bejn l-atturi in kwantu ghall-Lm364.89 lil Elmo Insurance Agency Limited fil-kwalita' taghha premessa u Lm25 lil Dr. Raymond Sacco.

Ghal dawn il-motivi tilqa' it-talba tal-atturi u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li grat tort tieghu l-Gzira fid-9 ta' Mejju 1995 bejn il-karozza Isuzu Gemini Nru F 5020 misjuqa mill-attur Dr. Sacco u l-bus Nru Y 0702 misjuqa mill-konvenut; u konsegwentement tikkundannah li jhallas is-somma ta' tlett mija disa u tmenin lira Maltin disa u tmenin centezmi (Lm389.89) kwantu ghal tlett mija erba u sittin lira Maltin disa u tmenin centezmi (Lm364.89) lis-socjeta' attrici, in kumpens ta' somma sbursata minnha taht il-polza biex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti fl-istess kollizjoni mill-imsemmi Dr. Sacco u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) li bata de proprio l-istess Dr. Sacco bhala "excess".

Bl-imghax legali mill-5 ta' Marzu 1997 u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------